MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 239/2008

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C-113)**

**vs**

**Rosario sive Louis Tabone**
**u Claudia Tabone f'isimha propju u f'isem is-socjeta` Hotel Resort Operators Limited (C-36333)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta' Jannar tas-sena 2008 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sebat elef, mija u ebrghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€7,140.83), dovuta minnhom bhala bilanc minn somma akbar, (Dok A), jew somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, rapprezentanti valur ta’ prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti u dan a tenur ta’ ftehim bejn il-kontendenti, (Dok B,C), kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw il-hlas relattiv, anke` permezz ta’ ittra ufficjali tat-18 ta’ Jannar tas-sena 2008 ipprezentat a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12, huma baqghu inadempjenti;

3. Bl-ispejjez inluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati datata l-4 t’ Awissu tas-sena 2008 li permezz taghha ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talba kif dedotta hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

2. Illi l-ammont indikat fir-rikors mhux dovut;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-proceduri odjerni kellhom jittiehdu kontra s-socjeta` Hotel Resort Operators Ltd, liema socjeta` kienet parti mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-intimati bil-gurament fejn it-tnejn infurmaw lill-qorti li kienu qed jammettu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u kkonfermaw li ghandhom jaghtu l-ammont indikat fir-rikors promotur lis-socjeta` de quo;

Illi nonostante li l-istess socjeta` kienet debitament interpellathom biex ihallsuha l-ammont dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi r-risposta ta' l-intimati in toto u takkolji t-talbiet attrici, u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimati Rosario sive Louis Tabone u Claudia Tabone biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c. l-ammont ta' sebat elef mija u erbghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€7,140.83);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mit-18 ta' Jannar tas-sena 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------